# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

**MAGISTRAT:**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' April 2002**

Avviz numru 32/01G2

Jason Attard

-vs-

Hadhri Rochdi Ben Salem u martu Donna Grech Hadhri

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta' l-attur fejn talab il-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsuh is-somma ta' tlett elef u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm3,084) dovut lilu skond skrittura privata iffirmata bejniethom fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) flimkien ma' l-imghax legali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuti f'Lulju tas-sena elfejn u wiehed (2001) u dik interpellatorja mibghuta lill-konvenuti fis-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed (2001).

Il-konvenuti mharka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ingunti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-ammont kif pretiz mill-attur mhux dovut fl-intier tieghu izda in parti;

2. illi l-konvenuti qatt ma innegaw illi ghandhom jaghtu lill-attur;

3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti m'humiex qeghdin jichdu li huma debituri. Li jikkontestaw huwa l-*quantum* billi allegaw li l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut fl-intier tieghu. Il-konvenuti pero' naqsu li jissostanzjaw din l-allegazzjoni stante li qatt ma dehru ghall-kawza.

Illi l-attur minn naha tieghu xehed u esebixxa l-iskrittura relattiva l-kreditu minnu pretiz minghand il-konvenuti, liema skrittura hi cara u univoka.

Illi skond ma jirrizulta mill-ahhar verbal l-ammont ghandu jigi ridott b'mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) stante pagament fil-mori.

Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lill-attur is-somma ta' elfejn tmien mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm2834) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz u bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u l-ittra interpellatorja.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur